MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

**3 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary

(Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, u s-Sur Owen Patrick Attard.

**74.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

74.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

74.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tliet ittri ta' apoloġiji, mingħand il-Kunsillier is-Sur John Borg li jinsab indispost, u l-Kunsillieri Michael Fenech Adami u Mark George Abdilla li kienu jinsabu msiefrin. Il-Kunsill aċċetta dawn l-apoloġiji.

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

74.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 73 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

74.2.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet jekk is-Segretarju kitibx lil Transport Malta dwar Triq Tommaso Dingli, pero' s-Segretarju qal li minħabba l-festi din kienet għadha ma saritx. Qal li xtaq ukoll jitkellem mas-Sindku qabel ma jibgħatha biex inkunu preċiżi x'nixtiequ bħala Kunsill.

74.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar staqsa kif konna bqajna fuq tal-kjosk ta' Ġnien l-Istazzjon. Is-Segretarju qal li kien tkellem diġa' mal-perit tal-Kunsill biex japplika għall-modifiċi mal-*Planning Authority*.

74.2.3 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ssekondata mill-Viċi Sindku is-Sinjura Rita Borg, il-minuti tal-laqgħa numru 73 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**74.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

74.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għalkemm talbet lill-konsulent tal-Kunsill is-Sur Ray Pellicano biex joħroġ it-tender tat-tarmak, kien hemm dewmien u qabbdet lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-konsulent bl-avvukat illi jekk jintilfu l-fondi tar-reġjun għat-tarmak hu kellu jinżamm responsabbli.

74.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-*tender document* kien irċevih f'dik l-għodwa u kien se jagħlaq 5 ta' Frar. Huwa qal li kien ser jitlaqqa' l-bord ta' aġġudikazzjoni dak in-nhar stess, tgħaddi kunsill filgħaxija u jiskattaw l-għaxar t'ijiem ta' l-oġġezzjonijiet. Hu qal li se nkunu tight ħafna pero' se jerġa' jitlob estenzjoni żgħira oħra biex dawn il-flus ma jintilfux.

74.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill direttiva 3/2017 li ħarġet fis-27 ta' Diċembru 2017. Din tirrigwardja l-akkwisti (*procurement*) mill-Kunsilli Lokali. Fi ftit kliem is-Segretarju qal illi dak li konna nafuh bħala *threshold* ta' 1164euro għal *direct order* issa telgħet għal 5000euro VAT eskluża. Dan ma jfissirx li s-Segretarju se jibda jonfoq bl-addoċċ imma din hija tibdila li tixraq liċ-ċirkostanzi tal-lum u l-Kunsilli ġew pari passu mad-dipartimenti tal-gvern. Bidla oħra li semma s-Segretarju hija illi l-bord ta' evalwazzjoni ma jistgħax jibqa' jiġi kompost mill-Kunsilliera imma fost oħrajn il-Bord għandu jkollu avvukat, *accountant* u persuna li tkun tifhem fis-suġġett partikolari li se jiġi aġġudikat. Hawnhekk kien hawn numru ta' mistoqsijiet u kummenti li dan se jiġi jiswa iżjed flus. Is-Sindku qalet li sakemm ikun hemm il-kjarifiċi meħtieġa, it-tenders li ħarġu diġa' jew se joħorġu

issa jibqgħu għaddejin bis-sistema l-antika. Sadanittant jilħaq joħroġ ukoll it-tender ta' l-avvukat u min jirbħu jkun jista' jibda jpoġġi fuq il-bord.

74.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba l-maltemp illi seħħ fil-21 ta' Diċembru fejn tqaċċtet siġra kbira fit-triq tal-Wied, qed nistennew għadd ta' *claims* għax tkissru xi karozzi u mutur. Huwa qal li kien iddiskuta din il-problema ma' l-avvukat tal-Kunsill u qalli li jkun aħjar li jinforma lill-kumpanija ta' assikurazzjoni tagħna. Huwa għamel hekk u ntlabna nagħmlu ċekk ta' 500 euro aċċess. Żvolġiet diskussjoni dwar jekk każijiet bħal dawn humiex act of God jew le imma skont l-avvukat tal-Kunsill kien hemm kawża simili kontra l-Kunsill tal-Birgu li ntilfet mill-Kunsill. Is-Sindku talbet lis-Segretarju jkompli jitkellem mal-avvukat u jekk hemm bżonn inħallsu din il-500Euro basta ma nkunux esposti għal *claims* kbar.

74.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tribunal għal talbiet żgħar kien qata' każ kontra l-Kunsill, il-famuż każ fejn TM kienet qed tagħmel xogħlijiet relatati mal-proġett ta' *flooding*, u xi ħadd għaddha bil-karozza mill-Wied. Is-Segretarju qal li l-Avvukat qed jagħti parir illi nappellaw din is-sentenza. Is-Sindku staqsiet lis-Segretarju biex qabel ma jmexxi, jara kemm se tinvolvi spejjeż, u jekk l-Qorti tkunx obbligata biss li tnaqqas is-sentenza u mhux iżżidha.

**74.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

74.4.1 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi qed jerġa' jkun hawn ħmieġ tal-klieb ħdejn l-iskola Brared. Is-Sindku qalet li hemm bżonn naħdmu iktar fuq il-kameras u issa li hemm it-tieni persuna ta' l-istaff f'dan is-settur tistenna titjib. Hija talbet lis-Segretarju jżomm statistika ta' liema kameras qed jiġu ċċekkjati u x'passi ħadna.

74.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk aħniex ħa niltaqgħu man-nies fuq it-*traffic management* ta' Triq Papaffy. Is-Sindku qalet li se tikteb lil Transport Malta dwar din.

**74.5 *Performance Appraisal* - Staff**

74.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-performance appraisal tal-membri ta' l-istaff fejn issuġerixxa li kull membru jingħata bonus ta' 6% tal-paga, min daħal matul is-sena jeħodha pro rata. Huwa għaddha d-dokumenti lis-Sindku.

74.5.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li xorta għad hemm problemi għax it-telefons mhux dejjem jitwieġbu fil-pront.

74.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi b'10 membri staff, eskluż hu, s-Sindku u kunsilliera li jkunu hawn, ma hawnx linji tat-telefon biżżejjed. Huwa ssuġerixxa illi jmexxi fuq PABX ġdida, wara li nġibu l-offerti, għax il-PABX hija antika. Dwar dan ma kienx hemm oġġezzjoni u s-Sindku talbitu jmexxi.

74.5.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi filwaqt li din is-sena l-bonus ta' l-istaff għandu jiġi approvat hekk kif issuġeriet mis-Segretarju, xorta tara li għad hawn min ma jaħdimx bil-qalb daqs ħaddieħor. Hi qalet illi tippretendi li kulħadd jaħdem bil-qalb u mhux nistennew il-ħin jgħaddi biex nitilqu. Madankollu l-proposta tal-bonus għal din is-sena ġiet aċċettata.

**74.6 *Performance Appraisal* – Segretarju Eżekuttiv**

74.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neil Spiteri. Hija qalet li ma kella l-ebda problema mas-Segretarju u l-fatt li qed inħallsu d-dejn u xorta nlaħħqu mal-proġetti ġodda, jixraqlu l-bonus full. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**74.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 55, u Petty Cash**

74.7.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

74.7.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 55 kienet approvata – dan fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

**73.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Frar 2018.

Konfermati, illum 5 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |